2024/2933

25.11.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2933

tal-25 ta' Novembru 2024

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u b'kont meħud tal-bidliet reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu tliet individwi mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi skont l-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(3) Jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni relatata ma' persuna waħda elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

HANKÓ B.

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"359.	Louai Emad El-Din al-MUNAJJID **لؤي عماد الدين المنجد**	Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Settembru 2024. Eks Ministru għall-Affarijiet Soċjali u x-Xogħol. Bħala Ministru tal-Gvern, Louai Emad El-Din al-Munajjid jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024
360.	Firas Hassan QADDOUR فيراس حسان قدور	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Damascus; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Maħtur f'Marzu 2023 u maħtur mill-ġdid f'Settembru 2024. Bħala Ministru tal-Gvern, Firas Hassan Qaddour jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024
361.	Ahmed Mohammad BUSTAJI **أحمد بوسته جي**	Post tat-twelid: Idleb; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Marzu 2023 u maħtur mill-ġdid f'Settembru 2024. Bħala Ministru tal-Gvern, Ahmed Mohammad Bustaji jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024";

(2) fit-taqsima “A. Persuni”, l-entrata 30 hija sostitwita b’dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“30.	Mohammad (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed, Muhamad) al-MUFLEH (magħruf ukoll bħala al-Muflih) (محمد المفلح)	Data tat-twelid: qabel l-1964 Sess: raġel	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana fil-belt ta’ Hama; involut fir-repressjoni fuq id-demostranti.	1.8.2011”.